MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 721/2003

Kawza fil-lista: 45

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici u l-konvenut izzewgu fir-Registru Pubbliku fil-21 ta’ Mejju, 1998 (vide Dok. A).

Peress illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak irrimedjabilment minhabba abbandun da parti tal-konvenut;

Peress illi l-kontendenti ilhom zmien twil separati ‘de facto’;

Peress illi l-konvenut ma jivversa ebda manteniment ghall-attrici u l-attrici lanqas biss taf x’ qed jaghmel u fejn qed joqghod precizament.

Peress illi di fatti l-attrici tghix bl-assistenza socjali.

Peress illi l-attrici llum tghix gewwa post mikri Diane, Flat 1, Triq il-Merluzz, San Pawl il-Bahar.

Peress illi l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi b’ din il-kawza (vide Dok. B).
Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ‘a mensa et thoro’minhabba ragunijiet validi u accettati fil-ligi fosthom abbandun da parti tal-konvenut;

2. Tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament hati tal-firda u ghalhekk ghandu jitlef il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili;

3. Tistabbilixxi d-data meta l-konvenut ghandu jigi dikjarat hati tal-firda u tikkommina kontra l-istess konvenut l-estremi kollha previsti mil-ligi;

4. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti u tassenjaha bejn il-partijiet, mhux necessarjament f’ partijiet ugwali u bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet li jispettaw lill-konvenut skond il-ligi;

5. Tiffissa retta alimentari pagabbli mill-konvenut lill-attrici;

6. Taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti l-ohra kollha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament ingunt ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma zewgha l-konvenut in bazi ghal abbandun da parti tal-konvenut, u wkoll minhabba xehha da parti tieghu fil-konfront taghha.

Illi l-attrici, mara ta' nazzjonalita' Marokkina, giet Malta fis-sena 1997 u fil-21 ta' Marzu 1998 izzewwget lill-konvenut, ragel ta nazzjonalita' Maltija. Mill-bidu nett taz-zwieg il-koppja kellhom problemi li precipitaw fis-separazzjoni de facto wara ftit zmien taz-zwieg, bl-abbandun da parti tal-konvenut li ma vversa ebda manteniment lill-attrici bir-rizultat li dina spiccat tghix fuq l-assistenza socjali. Wara li l-konvenut kien ilu zmien twil li abbanduna lill-attrici, dina fil-31 ta' Marzu 2002 kellha tifla minn ragel iehor.

Il-fatti premessi, li rrizultaw mill-affidavits ta' l-attrici, ma gewx kontraddetti. L-attrici tghid ukoll li ma hemm ebda assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti u li huma dejjem ghexu f' appartament mikri bl-ghamara. L-attrici tghid ukoll li ma tafx fejn joqghod il-konvenut, u lanqas taf jekk jahdimx jew le.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti tosserva li, ghalkemm mill-provi mhux kontradetti jirrizulta li l-konvenut f' xi zmien abbanduna lill-attrici u halliha tfendi ghar-rasha minghajr ma vversalha ebda manteniment, ma rrizultawx la d-data, la x-xahar u lanqas is-sena ta' l-abbandun; u ghalhekk ma jistax jinghad li jirrizulta provat l-abbandun fit-termini ta' l-artikolu 41 li jirrikjedi, bhala wiehed mir-rekwiziti tieghu, it-trapass ta' perijodu ta' sentejn mid-data ta' l-abbandun, qabel ma

gew inizjati l-proceduri gudizzjarji ghas-separazzjoni fid-9 ta’ April 2003.

Illi minn naha l-ohra, ghalkemm ma jikkonfigurax l-abbandun fit-termini ta’ l-artikolu precitat, l-abbandun f’ dan il-kaz, fil-persistenza u konsistenza tieghu akkompanjat mill-fatt li l-konvenut ma ta’ ebda manteniment lil martu li allura kellha tirrikorri ghall-ghajnuna socjali, ghandu karattru ngurjuz u jikkwalifika bhala offiza gravi fit-termini ta’ l-artikolu 40 ta’ l-istess kap.

Illi pero’ jigi osservat ulterjorment li kif ammess mill-istess attrici, wara li l-konvenut abbanduna d-dar matrimonjali, dina kellha tarbija minn relazzjoni adultera ma ragel iehor. Dan il-fatt ikkontribwixxa ghat-tkissier irrimedjabbli taz-zwieg bejn il-koppja. Ghaldaqstant, filwaqt li l-konvenut huwa principalment responsabbli ghal firda, l-attrici bl-adulterju <u>konsegwenzjali</u> taghha, hija responsabbli sekondarjament.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi il-kawza billi kif ser jinghad:

[1] tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet principalment ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16;

[2] tilqa’ t-tieni u t-tielet talba, u tiddikjara li l-konvenut huwa principalment hati tal-firda, mid-data ta’ dan il-gudizzju, filwaqt li l-konvenuta hija responsabbli sekondarjament, kif fuq spjegat; u tapplika fil-konfront taghhom id-disposizzjoni ta’ l-artikolu 48[1][a] tal-Kap.16;

[3] tilqa’ r-raba talba limitatament billi x-xolji l-komunjoni tal-akkwisti; izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kumplament stante li ma hemm xejn x’ jigi likwidat u assenjat;

[4] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames talba stante li ngabux provi in propositu;

[5] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba, stante li hi superfluwa.

L-ispejjez tat-talbiet [1][2][3] u [4] ghandhom jigu sopportanti in kwantu ghal zewg terzi [2/3] mill-konvenut, u r-rimanenti terz [1/3] mill-attrici; filwaqt li l-ispejjez relattivi ghat-talba numru sitta [6] ghandhomjibqghu a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------